

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda Id-Direttiva 2006/66/EC dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi (batteriji u akkumulaturi ta' l-iskart), fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni”

COM(2007) 93 finali — 2007/0036 (COD)

(2007/C 175/15)

Nhar id-19 ta' April 2007, il-Kummissjoni Ewropea iddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 175 paragrafu 1 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/EC dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.

Peress li l-Kumitat diġà esprima l-opinjoni tiegħu dwar il-kontenut tal-proposta msemmija fl-opinjoni tiegħu, adottata nhar it-28 ta' April 2004 ⁽¹⁾, iddeċieda, matul l-436 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-30 u l-31 ta' Mejju 2007 (seduta tat-30 ta' Mejju), li ma joħroġx opinjoni ġdida dwar is-suġġett, iżda li jirreferi għall-pożizzjoni li kien ħa fid-dokument imsemmi hawn fuq b'159 vot favur, u 11-il astensjoni.

Brussel, it-30 ta' Mejju 2007

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁾ 2003/0282 COD, ĠU C 117 tat-30.4.2004.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-isfidi u l-opportunitajiet għall-UE fil-kuntest tal-globalizzazzjoni”

(2007/C 175/16)

Nhar is-26 ta' Settembru 2006, b'rabta ma' l-attivitajiet tal-Presidenza Ġermaniża li jmiss ta' l-Unjoni Ewropea, l-E.T. Michael Glos, il-Ministru Federali Ġermaniż għall-Ekonomija u t-Teknoloġija, talab lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, permezz ta' ittra, opinjoni dwar *L-isfidi u l-opportunitajiet għall-UE fil-kuntest tal-globalizzazzjoni*.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, li kienet inkarigata sabiex theggi x-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Mejju 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Henri Malosse u l-ko-rapporteur kien is-Sur Staffan Nilsson.

Fl-436 sessjoni plenarja tiegħu, li nżammet fit-30 u l-31 ta' Mejju 2007 (seduta tal 31 ta' Mejju 2007), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni unanimament.

1. Sommarju

Għal strateġija komuni fil-konfront tal-globalizzazzjoni

L-Unjoni Ewropea tista' titqies bħala laboratorju għad-dinja globalizzata. L-arkittettura tagħha hija msejsa fuq prinċipji demokratiċi, m'għandha l-ebda xewqa li tikseb l-eġemonija u turi rispettt lejn id-diversità ta' l-opinjoni u l-kulturi u bir-responsabilità tal-koeżjoni ekonomika u soċjali u tal-ftuħ. Anke jekk l-ordni dinjija ġdida ma tistax tissawwar fix-xbiha tagħha, l-UE għandha żżomm il-valuri tagħha u filwaqt li tfittex li tiġi fis-seħħ gvernanza dinjija li tispira ruħha mill-prinċipji li nkisbu mill-konstruzzjoni ta' l-Ewropa. L-UE hija kredibbli meta tikkomunika il-

valuri tagħha u tippreżenta l-mudell tagħha ta' integrazzjoni mingħajr arroganza jew xewqa għall-eġemonija. Jekk l-Unjoni m'hijiex ser ikollha la viżjoni u lanqas strateġija komuni fil-konfront ta' l-isfidi u l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni, iċ-ċittadini Ewropej jistgħu jħossuhom abbandunati u jibdeu jistqasu lilhom infushom dwar l-utilità ta' l-Ewropa.

1.1 “Stat ta' dritt planetarju”

L-ewwel tweġiba ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun li tikkontribwixxi b'aktar saħħa għall-elaborazzjoni ta' “Stat iggvernati minn stat ta' dritt” li jqis, mingħajr wisq ottimiżmu, ir-realtà;